MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 739/2006

**Carmena Muscat**

**Vs**

**Frank u Mary Louise sive Marisa konjugi Said u b'digriet tat-13 ta' Settembru 2002 giet imsejha fil-kawza s-socjeta Bank of Valletta plc**

**Din hi sentenza preliminari u titratta l-ewwel hames eccezzjonijiet tal-konvenuti Said u t-tielet eccezzjoni tal-Bank of Valletta plc**[1].

[1] Ara verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011.

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-8 ta’ Awissu 2006, l-attrici ppremettiet:

*1. Illi fis-sena elfejn u wiehed (2001), l-konvenuti kienu jirrisjedu flimkien ma' l-attrici gewwa l-fond Flat 3 , JG Court B, Triq il-Mensija, San Gwann;*

*2. Illi l-istess konvenuti kien wieghdu lill-attrici li huma kienu sejrin jiehdu hsieba u jduru bijha, in vista ta' l-eta' u d-dizabilita' li ssofri minnha l-istess attrici;*

*3. Illi f'xi zmien l-konvenuti kienu avvicinaw lill-attrici u talbuha sabiex taghmel testement pubbliku li permezz tieghu tassenja a favur taghhom il-fond bin-numru 3 formanti parti mill-blokk ta' bini bin-numru ufficjali hmistax (15) u bl-isem ta' J.G. Court ittra B, Triq il-Mensija, San Gwann, wara l-mewt taghha u dana bhala kumpens ghal fatt li huma kienu qieghdin jiehdu hsieba;*

*4. Illi kien ghalhekk li nhar il-hamsa ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed, l-istess konvenuti kienu akkumpanjaw lill-attrici gewwa l-ufficju tan-Nutar Joseph Debono sabiex hija kif del resto tawha x'tifhem l-istess konvenuti, taghmel dan it-testment;*

*5. Illi xi zmien wara l-konvenuti kienu nfurmaw lill-attrici li sabiex hija tiffinalizza t-testment taghha kella takkumpanjhom il-bank;*

*6. Illi fi Frar tas-sena elfejn u tnejn l-attrici marret gewwa l-Bank of Valletta p.l.c. sabiex skond ma hasbet hi, tiffinalizza t-testment li kienet ghamlet precedentament;*

*7. Illi meta saru d-debiti ricerki fir-Registru Pubbliku f'April tas-sena elfejn u sitta (2006) rrizulta u l-attrici giet a konoxxenza tal-fatt, li nhar il-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono l-attrici ttrasferiet b'titolu ta' bejgh lill-konvenuti “l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti mill-blokk ta' bini bin-numru ufficjali hmistax (15) u bl-isem ta' J.G. Court ittra B, Triq il-Mensija, San Gwann kif sogett ghad-dritt ta' uzu u*

*uzufrutt tul hajjitha kollha l-istess komparenti venditrici, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.” [kopja hawn annessa u mmmarkata bhala Dok CM1];*

*8. Illi permezz ta' att pubbliku tat-tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, l-konvenuti hadu self minghand is-socjeta' Bank of Valletta p.l.c.; [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok CM2];*

*9. Illi jirrizulta minn dan l-istess att li l-attrici tat il-kunsens taghha ghall-kundizzjonijiet kollha ta' dan l-att inkluz li l-Bank of Valletta p.l.c. iskriva “ipoteka generali kontra d-debituri u ipoteka specjali u privilegg specjali fuq l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) formanti parti mill-blokk ta' bini bin-numru ufficjali (15) u bl-isem ta' J.G. Court ittra B, Triq il-Mensija, San Gwann, kif soggett ghad-dritt ta' uzu u uzufrutt tul hajjitha kollha favur Carmen Muscat, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.”;*

*10. Illi fl-att tal-hamsa ta' Novembru elfejn u wiehed, gie dikjarat li l-attrici thallset somma ta' flus minghand il-konvenuti bhal konsiderazzjoni ghat-trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni, liema dikjarazzjoni hija falza u mhux veritiera;*

*11. Illi l-kunsens ta' l-attrici f'dawn iz-zewg istanzi kien vizjat minhabba l-esercizzju ta' vjolenza fuq il-persuna ta' l-attrici da parti tal-konvenuti, zball fuq il-fatti, kif ukoll minhabba l-eghmil doluz ossia frodi ta' l-istess konvenuti u kwindi iz-zewg kuntratti in kwistjoni huma nulli u bla ebda validita' fil-ligi kif sejjer jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;*

*12. Illi di piu' z-zewg kuntratti in kwistjoni huma nulli in kwantu huma bbazati fuq kawza falza u illecita' kif sejjer jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;*

*13. Illi z-zewg kuntratti in kwistjoni huma affliti minn simulazzjoni u kwindi nulli u bla ebda validita' fil-ligi;*

*14. Illi l-attrici ghandha dritt li jigu ritornati lilha dak li dahhlu u/jew ircevew b'konsegwenza tal-kuntratti hawn fuq citati u l-benefikati kollha li ghaddew favur tal-konvenuti b'rizultat ta' l-istess u/jew li jithallas lilha kumpens ghall-istess;*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenta umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti pubblici tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001)[Dok CM1] u t- tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok CM2] fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nulli u bla effett fil-ligi u dan minhabba li l-kunsens ta' l-attrici kien vizjat minhabba vjolenza, zball fuq il-fatti, u/jew eghmil doluz ossia frodi tal-konvenuti;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti pubblici tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001)[Dok CM1] u t- tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok CM2] fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nulli u bla effett fil-ligi u dan minhabba li bbazati fuq kawza falza u illecita;*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti pubblici tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001)[Dok CM1] u t- tmienja ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok CM2] fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nulli u bla effett fil-ligi u dan minhabba li z-zewg kuntratti huma affliti minn simulazzjoni;*

*4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippublika l-att ta' rexissjoni opportun u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dak l-att u tiffissa data, lok u hin ghal tali pubblikazzjoni;*

*5. Tiddikjara u tiddeciedi illi kull kumpens, dhul, meljorament jew benefikat li l-konvenuti dahhlu u/jew ircevew b'konsegwenza tal-kuntratti hawn fuq citati, l-benefikati li saru fil-fond mill-attrici u li ghalhekk il-konvenuti ddekadew irremedjabilment u irrevokabolment min kwalsiasi dritt, azzjoni jew pretensjoni ta' kumpens*

*naxxenti minn dawn, ghandhom jigu ritornati l-istess lill-attrici jew ihallsu kumpens ghall-istess;*

*U sussidjarjament jekk dak mitlub fl-ewwel, t-tieni u t-tielet talba mhuwiex possibli:*

*6. Tiddeciedi u Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici;*

*7. Tillikwida anke okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mill-attrici;*

*8. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu d-danni hekk likwidati lill-attrici;*

9. *Tikkunanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-prezenti kawza;*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-7 ta' Mejju 2007 il-konvenuti Said eccepew:

*1. Illi preliminarjament il-konvenuti jeccepixxu illi l-gudizzju f'din il-kawza m'huwiex integru u dana billi l-attrici qed titlob li jigi rexiss anke l-att pubbliku iddatat 8 ta' Frar 2002 kellu wkoll jitqieghed fil-kawza bhala konvenut l-Bank of Valletta plc li kien parti fl-imsemmi kuntratt;*

*2. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici ghal dak li jirrigwardja l-ewwel tlett darbiet dawn huma preskritti permezz tal- perjodu ta' sentejn perentorju ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili;*

*3. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici ghal dak li jirrigwardja s-sitta, is-seba' u tmien talba attrici dawn huma preskritti permezz tal-perjodu ta' sentejn ai termini tal- Artikolu 2153 tal- Kodici Civili;*

*4. Illi, preliminarjament ukoll, il-konvenuti jecepixxu n-nullita tar-rikors promutur – mahluf-attrici ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) tal- Kapitlu 12 tal- Ligijiet ta' Malta u dana billi l-attrici permezz tar-rikors promutur taghha u bi ksur tal-principju kardinali 'electam una via non datum*

*recursus ad alteram' qieghedha tipprova tittenta taghmel diversi azzjonijiet f'kawza wahda liema azzjonijiet separati u distinti minn xulxin f'kawza wahda, senjatament azzjoni sabiex tigi annullata skrittura minhabba vjolenza, zball fuq fatti, frodi, illecita', qieghedha tipprova tittenta wkoll taghmel l- 'actio simulatoria', 'actio de in rem verso'[hekk kif jirrizulta mill-hames talba attrici] u kawza ghad-danni fl-istess kawza u fl-istess nifs u liema talbiet huma inkompatibbli ma' xulxin, liema vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi.*

*5. Illi, in linea preliminari wkoll, il-konvenuti jecepixxu illi r-rikors promutur u mahluf imressaq mill-attrici huwa null ghal dak li jirrigwardja mis-sitt sat-tmin talba u dana billi m'hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni ta' tali talbiet u dana ai termini tal-Artikolu 156 (1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema nuqqas ma jistax jissewwa u m'huwix salvabbli skond il-ligi u dana minhabba l-fatt illi filwaqt li l-attrici qed titlob danni fil-premessi tar-rikors promutur taghha ma nsibu l-ebda premessa jew premessi jew menzjoni ghall-fatt illi l-attrici sofriet xi danni;*

*6. Illi l-konvenut jecepixxu illi l- pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi l-kuntratti hemmhekk imsemmija huma assolutament validi u l-allegazzjonijiet maghmula mill-istess attrici fir-rikors promutur taghha huma totalment inveritieri hekk kif se jipprovaw l-istess konvenuti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*7. Illi l-konvenuti jirrivelaw illi ghal ghal dak li jirrigwardja s-seba' premessa attrici m'huwa minnu xejn hekk kif qieghedha l-istess attrici li hija bdiet tivvanta dawn l-allegazzjonijiet taghha mis-sena 2006 u dana tant huwa hekk illi fis-27 ta' Ottubru 2004 hija kienet gja' interpellat lill- konvenuti [Ara Dok 'FS1'] permezz ta' ittra legali. Fil-fatt dawn l-allegazzjonijiet l-attrici bdiet tressaq circa tlett xhur qabel ma bghatet din l-ittra;*

*8. Illi l-konvenuti jirrilevaw illi ghal dak li jirrigwardja il-hames talba attrici, din ghandha tigi michuda minn din il-*

*Qorti billi fl-ewwel lok il-pretensjoni shiha mressqa mill-attrici hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt; fit-tieni lok din it-talba hija wahda guridikament insostenibbli billi hija talba inkompatibbli kemm ma' l-ewwel tlett talbiet attrici kif ukoll mas-sitta, seba' u tmien talba; fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghall-posizzjoni li qed jiehdu l-konvenuti f'din il-kawza jinkombi fuq l-istess konvenuti li jipprovaw dak li qed isostnu;*

*9. Illi l-konvenuti jirrilevaw li in kwantu s-sitta , seba' u tmien talba attrici, huma ma ikkagunaw l-ebda dannu lill-attrici u m'ghandhom igorru l-ebda responsabbilta' f'dan ir-rigward;*

10. *Illi, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal aktar 'il fuq , l-attrici ma soffriet l-ebda dannu u trid tipprova id-dannu li hija soffriet fi kwalunkwe kaz*.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fl-1 ta' Novembru 2007, il-bank imsejjah fil-kawza wiegeb:

*1. Illi l-esponenti ma hija konsapevoli ta' ebda vjolenza, zball fuq fatti, ghemil doluz, kawza falza u illecita ossia simulazzjoni kif allegat fir-rikors guramentat, u assolutament tichad illi hija kienet b'xi mod kompartecipi f'tali agir jekk dan effettivament sehh.*
*2. Illi, l-esponenti ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Frank u Mary Louise sive Marisa konjugi Said in forza tal-kuntratt tat-8 ta' Frar tas-sena 2002 kif jirrizulta mid-Dok. CM2 esebit flimkien mar-Rikors Guramentat, liema konnessjoni saret in buona fede u fil-kors normali tan-negozju tal-esponenti u ghalhekk it-talbiet ghar-rexxissjoni tal-imsemmi kuntratt huma guridikament u fattwalment infondati.*
*3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-ewwel tlett talbiet attrici huma preskritti bil-perjodu ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.*
4. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti tistqarr illi, hlief ghall-facilitajiet bankarji li hija tat lill-konvenuti kif gia msemmi, hija ma kellhiex u m'ghandhiex l-ebda konoxxenza dwar il-fatti*

*allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk minn issa qed tirrizerva id-drittijiet taghha kontra l-attrici kif ukoll il-konvenuti kif naxxenti mill-kuntratt tal-facilitajiet bankarji tat-8 ta' Frar 2002 u skritturi ohra bankarji firmati mill-istess attrici u konvenuti*.

L-attrici qeghda timpunja l-validita ta' kuntratti li saru:-

i. **Fil-5 ta' Novembru 2001** atti nutar Dr Joseph Debono li permezz tieghu l-attrici bieghet lill-konvenuti Said l-appartament numru 3 fil-blokk numru 15, J.G. Court, B, Triq il-Mensija, San Gwann ghall-prezz ta' Lm18,000.
ii. **Fit-8 ta' Frar 2002** atti nutar Dr Joseph Debono li hu kuntratt ta' self fejn Bank of Valletta plc ta b'self lil Said is-somma ta' Lm20,000. Il-fond fuq imsemmi nghata b'garanzija ghad-dejn. L-attrici kienet firmatarja fejn tat il-kunsens taghha *".....ghall-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-istess att, u dan quddiem ix-xhieda Dottor Melanie Mangion, bint Saviour Mario Mangion u Marie Louise nee Genovese, residenti Attard u Victoria Chetcuti, bint Joseph Chetcuti u Mary nee' Cortis, residenti Sliema."*.

L-attrici tallega li:-

i. Il-kunsens taghha kien vizjat minhabba vjolenza, zball, u frodi.
ii. Il-kuntratti huma nulli ghaliex bazati fuq kawza falza u illecita'.
iii. Il-kuntratti huma nullli ghaliex milquta minn simulazzjoni.

Ghalhekk qeghda titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt. M'hemmx dubju li hemm ragunijiet ghalfejn qeghda tikkontesta l-validita' tal-kuntratti, li huma kontradittorji ma' xulxin. Hekk per ezempju min-naha wahda:-

1. Bejn l-izball, eghmil doluz u vjolenza, hemm differenza in kwantu:-

(a) **Zball** – irid ikun hemm vizju intern ghall-parti li tallega li l-kunsens taghha nghata bi zball. Minhabba l-izball il-parti tkun tara r-realta’ differenti minn dik effettiva.
(b) **Eghmil doluz** – irid ikun hemm vizju estern ghall-kontraent. Minhabba l-agir ta’ haddiehor il-parti tkun qeghda tara realta’ li m’hijiex minnha.
(c) **Vjolenza** – il-persuna taf x’inhi r-realta’, u tapprezza li ser ikollha effett negattiv fl-isfera personali u patrimonjali taghha, imma taghti l-kunsens minhabba t-theddid li jkun qieghed jigi ezercitat fuqha.

Ghalhekk ghalkemm fit-tlieta hemm rapprezentanza falza tar-realta’, kull vizzju ghandu l-karatteristici differenti. Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana f’sentenza tat-23 ta’ Settembru 2004 (numru 19138) osservat:-

*“Ed e’, d’altronde, esatto quanto dai giudici del merito rilevato in ordine all’incongruenza e dall’inconcilibailita’ della contestuale allegazione, ai fini della domanda di annullamento del contratto, d’una volonta’ contemporaneamente viziata da errore, dolo e violenza, allegazione che ridonda in difetto di specificita della domanda in quanto formulata sulla deduzione di causa petendi tra loro incompatibili che si precludono a vicenda.”*.

2. **Simulazzjoni** - il-partijiet ikunu jafu x’qeghdin jaghmlu in kwantu jiftehemu biex joholqu sitwazzjoni fittizja billi jaghmlu kuntratt destinat li ma jkollu l-ebda effett. Dan jigri fil-kaz ta’ **simulazzjoni totali**. Hekk ukoll il-partijiet jistghu jaghmlu kuntratt veru u proprju li jridu li jzommu mistohbi wara dak apparenti. F’dan il-kaz ikun hemm **simulazzjoni relattiva**. Pero’ fiz-zewg kazijiet hemm qbil bejn il-partijiet dwar dak li qeghdin jaghmlu, fis-sens li jkunu jafu x’qeghdin jaghmlu u jridu jaghmluha.

Kawzali ohra li nghata mill-attrici hi li l-kuntratt hu bazat fuq kawza falza u kawza illecita. Fil-fatt fit-tieni talba l-attrici qeghda titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt minhabba *“kawza falza u illecita”*.

Fil-kaz **Emmanuel Pullicino vs Amante Mifsud**, il-Qorti tal-Kummerc[2] kienet osservat:-

*"Hu maghruf li kawza falsa tfisser jew kawza erronea jew kawza simulata."*.

Il-kawza erronea ssehh meta l-kontraent jemmen fatt li fir-realta' ma jezistix.

Il-presunzjoni hi li persuna li tiffirma kuntratt taf x'qeghda taghmel. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Innocenzo Galea vs M. Zammit** tat-3 ta' Dicembru 1919 (Vol XXIV.i.203):-

*"il mantenimento dei contratti e` di interesse generale perche e` principio di ordine pubblic*o, *siffatta considerazione impone che nella causa d' impugnazione di contratto, per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigor*e.".

**<u>Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili</u>**.

L-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"(1) Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.*

*(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza."*.

Provvediment li ma japplikax ghas-simulazzjoni u kawza illecita.

Fl-affidavit li pprezentat fid-19 ta' Frar 2010 l-attrici qalet li:-

[2] Volum XXXIV.iii.734.

- Meta marret ghand in-nutar Debono fil-5 ta' Novembru 2001 fehemet li ser tmur biex taghmel testment; ***"Jien fhimt li kelli naghmel testment. Morna ghand in-Nutar Joseph Debono biex naghmlu dan it-testment."***[3]. Qalet li ma nqralha xejn.
- Xi zmien wara marret mal-konvenuti Said f'ufficcju l-Belt. Il-qorti qeghda tifhem li dan kien fit-8 ta' Frar 2002 meta gie ffirmat it-tieni kuntratt; ***"Rega kien hemm in-Nutar Joseph Debono. Jien ma nafx x'gara dakinhar. Naf li barra li kien hemm Marisa, Frankie u n-Nutar, kien hemm xi nies ohra pero jien dawn in-nies ma nafhomx."***[4]. Qalet ukoll li l-konvenuti Said qalulha li ser imorru jlestu t-testment.

Imbaghad skond l-Artikolu 1223 tal-Kodici Civili:-

*"Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispicca, u, fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett."*.

L-attrici xehedet li kienet indunat x'kienet ir-realta' meta f'April 2006, *"....jien qabbadt l-Avukat li qed jidhirli f'din il-kawza biex nara sew x'hemm. Dan l-avukat li qabbadt kien sabli li fil-verita' kuntratt kien sar u mhux testment kif ahna konna ftehemna u li jien kont bieght kollox lil Marisa u Frankie."*[5].
Hu maghruf li meta tinghata eccezzjoni ta' preskrizzjoni:-

*"Il-gurisprudenza tikkontempla l-ligi, meta tghid li l-bijennju, li ghandu jiddekorri mill-jum li jinkixef id-difett, ghandu jigi kunsidrat mid-dikjarazzjoni tal-kwerelant, ammenokke' minn jallega l-preskrizzjoni msemmija ma jippruvax li l-attur kien skopra d-difett (ara Kummerc 9 ta' Jannar 1875 Vol. VII pag 202); li d-dottrina tirribadixxi meta tghid li l-preskrizzjoni hija ecezzjoni opposta ghall-azzjoni istanti, b'mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni l'quddiem, u ghalhekk l-istess reus huwa fl-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fondament*

---
[3] Fol. 127.
[4] Fol. 128.
[5] Fol. 129.

*ghall-eccezzjoni tieghu"* (ara setenza **Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962[6]). Ovvjament jispetta lill-attur biex imbaghad jaghti prova ta' interruzzjoni jew rinunzja ghall-peskrizzjoni min-naha tal-konvenut.

Fil-fehma tal-qorti, sabiex taghti decizjoni dwar din l-eccezzjoni in kwantu tikkoncerna l-allegat vjolenza, trid bilfors tikkunsidra l-meritu. Qieghed jinghad hekk ghaliex il-preskrizzjoni tibda tghodd biss minn dakinhar li tispicca l-vjolenza. Wiehed irid jiftakar li fil-meritu Said qeghdin jikkontestaw li sehhet xi vjolenza. Ghal finijiet ta' din l-eccezzjoni l-qorti trid tiddetermina meta spiccat il-vjolenza. Dan fih innifsu jfisser li l-qorti trid tesprimi ruhha dwar jekk il-kunsens tal-attur kienx vizjat minhabba vjolenza. Il-qorti ma tistax tiddeciedi meta waqfet il-vjolenza, jekk qabel ma tesprimix ruhha dwar jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova tal-vjolenza. Certament li l-qorti ma tistax titlaq mill-premessa li kien hemm il-vjolenza.

Ghal dak li jikkoncerna l-allegat vizju tal-kunsens minhabba **zball, eghmil doluz u kawza falza**, il-preskrizzjoni tiddekorri minn meta jinkixef id-difett. L-attrici allegat li d-difett skopritu f'Dicembru 2006 meta l-avukat ta' fiducja taghha kien ghamel r-ricerki dwar trasferimenti li setghet ghamlet[7]. Il-konvenuti ma jaqblux u argumentaw li:-

*"Min-naha l-ohra hemm il-verzjoni ta' l-esponent illi ma jistax ikun illi l-attrici intebhet biss fiz-zmien indikat minnha u dana billi hija baghatet ittra legali datata 27 t'Ottubru 2004 fejn hija gja qed titlob l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond in kwistjoni."*[8].

---

[6] Volum XLVI.i.372. Il-bran hu dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza li tat fis-16 ta' Jannar 1962.

[7] *"Wara xi zmien, minghalija f'April 2006 (Dok. CM9) jien qabbadt l-Avukat li qed jidhirli f'din il-kawza biex nara sew x'hemm. Dan l-Avukat li qabbadt jien kien sabli li fil-verita' kuntratt kien sar u mhux testment kif ahna konna ftehemna u li jien kont bieght kollox lil Marisa u Frankie."* (fol. 129).

[8] Ara fol. 78, nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konjugi Said fit-30 ta' Lulju 2007.

Permezz ta' ittra legali datata 27 ta' Ottubru 2004[9] l-avukat ta' fiducja tal-attrici kiteb:-

*"Nikteb ghan-nom ta' Carmen Muscat ghall-ahhar darba sabiex navzakom li jekk sal-ahhar ta' dina l-gimgha ma tkunux ivvakjatu l-fond 15, J.G. Court B, Flat 3, Triq il-Mensija, San Gwann, hija ser tipprocedi kontra taghkom b'kawza."*.

Fil-fehma tal-qorti dan id-dokument mhu l-ebda prova li l-attrici kixfet l-allegat difett fl-2004. Jidher li dak iz-zmien kien inqala' d-dizgwid bejn il-partijiet u l-attrici ma ridithomx ikomplu jghixu maghha. Ghal finijiet ta' preskrizzjoni taht l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili ma jghoddx meta l-attur ikun jista' jsir jaf bid-difett **imma meta jinkixef id-difett**.

Ovvjament dak li nghad hawn fuq hu bla pregudizzju dwar jekk fir-realta' jezistix id-difett li tilmenta minnu l-attrici.

Fl-ahharnett il-qorti tosserva wkoll li in kwantu l-Bank of Valletta plc ta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili fir-rigward tal-kuntratt pubblikat fil-5 ta' Novembru 2001, billi ma kienx parti ghalih ma jistax jinvoka tali preskrizzjoni (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giovanna Spiteri vs Enrico Soler et** deciza fit-22 ta' Ottubru 1937[10]).

**Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili**.

Sussidjarjament l-attrici qeghda titlob id-danni. Fil-fatt tghid:-

***"U sussidjarjament jekk dak mitlub fl-ewwel, t-tieni u t-tielet talba mhuwiex possibbli***:

*6. Tiddeciedi u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici.*

---

[9] Fol. 37.
[10] Vol. XXIX.i.1087.

*7. Tillikwida anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mill-attrici.*
*8. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu d-danni hekk likwidati lill-attrici."*[11].

Din il-qorti kif presjeduta m'hijiex tal-fehma li f'dan l-istadju ghandha tinghata decizjoni dwar din l-eccezzjoni gialadarba l-attrici qeghda tippretendi d-danni fl-eventwalita' **biss** jekk ma jintlaqghux l-ewwel tlett talbiet. Fil-fehma tal-qorti hu floku li dawn jigu decizi, jekk ikun hemm lok, flimkien mas-sentenza li ser tiddeciedi t-talbiet ta' qabel.

**<u>Nullita' tar-rikors ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12</u>**.

In-nullita' hi kontemplata:-

*"Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi."*.

Il-konvenuti ma ghamlu l-ebda riferenza ghal xi provvediment tal-ligi. Fis-sentenza **Victor Henry Debono et nomine vs Onor. Dr Vincent Tabone** tal-14 ta Mejju 1970, il-Prim'Awla[12] osservat:

*"Il-Qorti tifhem li l-inciz (d) jikkoncerna mhux il-prezentata imma il-konfezjoni, il-kontenut ta' l-att. Id-difett taht l-inciz (d) jrid ikun difett ta' xi element essenzjali preskritt bil-ligi. L-elementi jew particluars li ghandhom jinghataw fic-citazzjoni huma jew komuni mal-atti gudizzjarji l-ohra (art. 174, 176, 178) jew partikolari ghalija (art. 153, 154, 155, 114, 115)...... Jidher li hawnhekk il-kelma operattiva hija 'partikolarita', ghax, kif gia intqal, din ma tistax tirriferixxi hlief ghal kontenut tac-citazzjoni, bhal ma huma il-kawzali, l-oggett, l-ordni ghal komparizzjoni f'isem ir-Regina, il-firma tal-Avukat, dik tal-Imhallef......"*.

[11] Fol. 3.
[12] Imhallef M. Caruana Curran.

Skond l-Artikolu 156 tal-Kap. 12, ir-rikors guramentat ghandu fost'affarijiet ohra jkollu *"ir-raguni tat-talba"*. Jekk tinghata iktar minn raguni wahda, m'hemmx dubju li m'ghandhomx ikunu kontradittorji ghal xulxin. Kif diga' osservat fl-ewwel parti tas-sentenza, fir-rikors guramentat hemm kawzalijiet li jeskludu lil xulxin li twassal ghal konfuzjoni shiha. Kaz simili ghal dan hi l-kawza **Flavia Cassar et vs Carmelo Muscat et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 2011, fejn l-atturi kienu qeghdin jitolbu rexxissjoni ta' kuntratt minhabba qerq, vjolenza u simulazzjoni. Il-Qorti tal-Appell osservat:-

*"Izda kemm jekk it-talbiet tal-atturi jitqiesu bhala tlett azzjonijiet distinti prospettati fl-alternattiv kemm jekk jitqiesu bhala azzjoni kumulattiva wahda b'diversi kawzalitajiet kontradittorji, dan kollu jqieghed lill-konvenuti fl-impossibilita' li jiddeterminaw x'qeghdin jippretendu bil-preciz l-atturi u jqieghed lill-konvenuti f'pozizzjoni prekarja li ma jkunux jafu x'linja ta' difiza jintraprendu minghajr ma jippregudikaw il-posizzjoni taghhom.*

*Il-Qorti hi tal-fehma, kif ġia` ingħad, li f'dan il-każ kien hemm difett fil-forma taċ-ċitazzjoni li toltrepassa l-limitu ta' mera formalita' u anzi tolqot is-sustanza stess tal-azzjoni eżerċitata mill-atturi b'tali mod li kienet ta' preġudizzju għall-konvenuti li, kif kellhom dritt jistennew, ma tqegħdux f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jiddefendu ruħhom adegwatament kontra l-azzjoni tal-atturi. Il-Qorti hi tal-fehma wkoll li n-nuqqas sostanzjali fiċ-ċitazzjoni ma setax jiġi rimedjat taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi mingħajr ma neċessarjament tinbidel is-sustanza tal-azzjoni b'mod partikolari f'sitwazzjoni bħal fil-każ ta' llum fejn hemm konfużjoni ta' tlett azzjonijiet kontradditorji f'daqqa."*[13].

---

[13] *"meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta' l-azzjoni odjerna, dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba ghax il-konvenut ma jkunx jista' jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa."* (**Avukat Dr Rene Frendo Randon vs Albert Walter Salomone nomine et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 1998).

Hu evidenti li l-kawzali dwar vizju tal-kunsens minhabba zball, qerq, vjolenza kif ukoll dik ta' simulazzjoni, huma inkonciljabbli ma' xulxin. L-istess jinghad fir-rigward tal-kawzali ta' kawza falsa mal-kawzali ta' qerq u vjolenza.

L-Artikolu 789 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita' kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi."*.

Fil-fehma tal-qorti l-attrici xorta ghandha l-opportunita' li fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet tirrinunzja ghal dawk ir-ragunijiet u t-talbiet li huma inkonciljabbli ma' xulxin[14]. M'hemmx dubju li l-attrici trid tiddeciedi jekk hijiex ser tinsisti fuq it-talba:-

(i) ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ghaliex il-kunsens kien vizjat minhabba zball u kawza erronea, **jew** eghmil doluz **jew** vjolenza; **jew inkellha**
(ii) ghan-nullita tal-kuntratt minhabba simulazzjoni;

Hu hekk biss li tista' titnehha l-vjolazzjoni li hemm bhalissa fir-rikors guramentat. L-attrici m'ghandix triq ohra ghajr li taghzel.

Ghalhekk il-qorti ser taghti lill-attrici sal-14 ta' Jannar 2013 sabiex permezz ta' nota tiddikjara liema **<u>wahda</u>** mir-ragunijiet fuq imsemmija ser izzomm ferm u liema ser tirrinunzja ghalihom. Hu biss b'dan il-mod li n-nuqqas li hemm fir-rikors guramentat jista' jissewwa u jitkompla s-smiegh.

Certament li jekk in-nuqqas ma jigix rimedjat b'dan il-mod, il-qorti ser tkun kostretta taghti decizjon dwar ir-raba' eccezzjoni.

---

[14] Artikolu 906 jaghti lill-attur il-jedd li jirrinunzja ghall-atti li jkunipprezenta. Provvediment li impliciment jinkludi l-jedd li jirrinunzja ghall-parti mit-talbiet u ragunijiet.

**<u>Nullita' tar-rikors minhabba li m'hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett tat-talbiet numru sitta sa tmienja [Artikolu 156(1)(a)]</u>**.

Il-konvenuti Said ressqu din l-eccezzjoni ghaliex fi kliemhom:-

*"...filwaqt li l-attrici qed titlob danni fil-premessi tar-rikors promotur taghha ma nsibu l-ebda premessa jew premessi jew menzjoni ghall-fatt illi l-attrici sofriet xi danni."*[15].

It-talbiet numru 6, 7 u 8 huma cari. L-atturi jridu li l-konvenuti Said jigu kundannati jhallsu d-danni fl-eventwalita' li ma jkollhomx success fl-ewwel erbgha talbiet tar-rikors guramentat. F'dan l-istadju hu rrilevanti jekk ghandhomx ragun jew le fil-meritu.

Hu minnu li fil-premessi ma jissemmewx id-danni. Madankollu minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li l-attrici qeghda tippretendi li tithallas id-danni jekk it-talbiet ghar-rexxissjoni jithassru. F'dan il-kuntest fil-premessi ddikjarat li qatt ma thallset is-somma ta' Lm13,000 li tissemma fil-kuntratt ta' bejgh tal-5 ta' Novembru 2001[16]. Ovvjament id-danni li tista' tippretendi jridu jkun intimatament relatati ma' dak li ddikjarat fil-premessi tar-rikors guramentat. Hekk biss il-konvenuti jkunu f'posizzjoni li jiddefendu ruhhom sew.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni giet ezawrita peress li b'digriet moghti fit-13 ta' Settembru 2007 il-qorti ordnat li l-Bank of Valletta plc jissejjah fil-kawza.**

**2. Tissospendi l-ghoti tas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-konjugi Said in kwantu din tirreferi ghall-impunjazzjoni tal-kuntratti minhabba vjolenza. L-istess fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-Bank of**

[15] Ara raba' eccezzjoni tat-twegiba guramentata.
[16] Ara paragrafu numru 10.

**Valletta plc in kwantu din tirreferi ghall-kuntratt tat-8 ta' Frar 2002.**
**3. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konjugi Said in kwantu din tirreferi ghar-ragunijiet l-ohra li tat l-attrici ghar-rexxissjoni tal-kuntratt.**
**4. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-Bank of Valletta plc in kwantu din tirreferi ghall-kuntratt tal-5 ta' Novembru 2001.**
**5. Tissospendi l-ghoti tas-sentenza fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konjugi Said.**
**6. B'riferenza ghar-raba' eccezzjoni taghti lill-konvenuta sal-14 ta' Jannar 2013 sabiex tirregola ruhha bil-mod kif inghad hawn fuq. Fin-nuqqas tinghata d-decizjoni.**
**7. Tichad il-hames eccezzjoni tal-konjugi Said.**

**Spejjez tal-eccezzjonijiet michuda jkunu a karigu ta' dik il-parti li tat l-eccezzjoni**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------